MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2006

Numru 305/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grace Rapa**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta’ att ta’ citazzoni kontra Grace Rapa talli fit-13 ta’ April 2006 ghall-habta tas-1.30 pm waqt li kienet fi Vjal it-Tmienja ta’ Settembru, Xaghra, Ghawdex (**1**) volontarjament kisret il-bon-ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u strorbju, u aktar (**2**) verbalment heddedt jew insulentat lil Xi Tabone;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta’ Settembru 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Grace Rapa hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha, fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni ammenda ta’ ghaxar liri (Lm10) u fir-

rigward tat-tieni imputazzjoni ammenda ta’ hmistax-il lira (Lm15);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmija Grace Rapa, minnha ppresentat fl-20 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta’ Dcembru 2006; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti huwa, bazikament, li s-semplici battibekk li hija kellha ma Xi Tabone ma kienx jammonta ghal *breach of the peace*. Tilmenta wkoll li hija qatt ma insulentat lil Tabone. Fi kliem ir-rikors tal-appell, “Kullma qaltilha kienet li ma riditx li l-proprjeta` taghha ssir burdell u li ma riditx nisa barranin fi hwejjigha”.

Din il-Qorti, pero`, hija tal-fehma li l-ewwel qorti kellha quddiemha provi bizzejjed li a bazi taghhom setghet issib lill-appellanti Grace Rapa hatja kif effettivament sabitha. Infatti mid-deposizzjoni ta’ Xi Tabone jirrisulta li l-appellanti f’hin minnhom, waqt id-diverbju, marret ghaliha tant li hass li kellu jinterponi ruhhu bejn l-appellanti u Xi Tabone il-kok li kien jahdem ma’ l-istess Tabone. Fi kliem iehor, bil-mod kif gabet ruhha l-appellanti, hija nisslet f’mohh dak li jkun dak il-minimu ta’ thassib dwar l-inkolumita` ta’ l-imsemija Tabone. Din il-Qorti hi sodisfatta wkoll li l-appellanti insulentat lill-imsemmija Tabone meta rriferiet ghaliha bhala “qahba”. L-appellanti tghid li kullma qalet kien kliem fis-sens li ma riditx li Tabone ddahhal barranin fl-appartament (li hija kienet tikri minghahd il-konjugi Rapa) sabiex in-nies ma jghidux li hija (cioe` Tabone) qisa qahba. Issa, huwa veru li meta kliem jinghad *animus corrigendi vel consulendi* jista’ jaghti l-kaz li tigi nieqsa l-intenzjoni specifika rikjesta ghall-finijiet tal-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz in dizamina, pero`, it-tieni imputazzjoni tipotizza mhux id-delitt ta’ ingurja izda il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (e) tal-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali. Ma hi rikjesta, ghalhekk, ebda intenzjoni specifika: huwa bizzejjed li l-kelma jew il-kliem uzati jkollhom fihom

infushom, jew fic-cirkostanzi li fihom jinghadu, kapacita` offensiva. Din il-Qorti hi tal-fehma li, fil-kuntest tad-diverbju shun bejn il-konjugi Rapa minn naha u Xi Tabone min-naha l-ohra, il-kliem uzati mill-appellanti ma setghux hlief ikunu offensivi.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------